**PROĊESS-VERBALI TA' RETTIFIKA**

għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra.

IS-SEGRETARJAT ĠENERALI TAL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA, waqt li jaġixxi bħala d-depożitarju tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, iffirmat fil-Lussemburgu fit-12 ta' Ġunju 2006, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim",

WARA LI STABBILIXXA li t-test tal-Ftehim, li kopja ċertifikata tiegħu intbagħtet lill-Firmatarji fil-21 ta’ Awissu 2006, kien fih ċerti żbalji fil-verżjoni Ġermaniża, Griega, Taljana u Slovena,

WARA LI INFORMA lill-Firmatarji tal-Ftehim b’dawn l-iżbalji u bil-proposti għall-korrezzjoni,

WARA LI STABBILIXXA li ħadd mill-Firmatarji ma qajjem xi oġġezzjoni,

WETTAQ f’dan il-jum il-korrezzjoni ta’ l-iżbalji in kwistjoni u fassal dan il-proċess-verbali ta’ rettifika, Bil-korrezzjonijiet tal-verżjoni Ġermaniża, Griega, Taljana u Slovena tal-Ftehim li jkunu annessi miegħu, u li kopja tiegħu ser tintbagħat lill-Partijiet Kontraenti.

________________